

Brussell, 22 ta' Settembru 2017
(OR. fr)

12325/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0287 (COD)**

**CODEC 1418
TELECOM 217
FC 72**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 172 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Jannar 2017². Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Frar 2017³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2017. Ir-risultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 12259/16.

² ĠU C 125, 21.4.2017, p. 69.

³ ĠU C 207, 30.6.2017, p. 87.

⁴ dok. 12049/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 28/17, bid-delegazzjoni Żvediża, Spanjola u dik Netherlandiża jivvutaw kontra;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota;
- jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
